IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-13 ta' Jannar, 2026

Rikors numru: BCT/68/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng(Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

John Borg

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 18 ta' Settembru, 2025 li permezz taghha giet imposta l-penali amministrativa ta' hames mitt euro (€500) billi kien hemm "*ksur tar-Regolamenti tal-ligi Sussidjarja 623.08: Nuqqas ta' mizuri jew mizuri mhux xierqa sabiex tigi limitata l-emissjoni ta' trab;*".

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita` ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qeghdin jkun anness u mmarkat bhala Dok A Trail of Events u sett ta'ritratti;*

3. *Illi jidher car li skont dak anness, ma huwiex minnu dak allegat mill-appellanti u kwindi l-Awtorita` kellha ragun fl-imposizzjoni tal-penali.*

4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li, minkejja d-diversi opportunitajiet moghtija, l-appellanti naqas milli jattendi ghas-seduti u wkoll milli jressaq provi a sostenn tal-posizzjoni tieghu.

Sema' x-xhieda tal-ufficjal tal-Awtorita` Gianpaolo Xerri waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2025 meta t-Tribunal, wara li nnota li din kienet it-tieni darba li l-appell gie differit ghall-provi tal-appellanti li rega` baqa' ma deherx, iddikjara l-istadju tal-provi maghluqin u ddiferixxa l-appell ghas-sentenza għal-llum.

Ikkunsidra

Illi huwa car li l-appell odjern jirrigwardja penali amministrativa imposta in vista ta' nuqqas da parti tal-appellanti li jara li jkun hemm mizuri xierqa sabiex tigi limitata l-emissjoni tat-trab u dana kif mehtieg mil-LS 623.08.

Il-LS 623.08 tipprovdi diversi drabi dwar il-htiega li jjkun hemm fuq is-sit mizuri necessarji li jillimitaw l-emissjoni ta' trab imma wkoll gheluq jew stakkat li jimblokka effettivament il-hrug tat-trab minn fuq l-istess sit (f'dan is-sens, fost ohrajn, reg 3).

Illi bhala prova ghal dak li nstab fuq is-sit, l-Awtorita` ressqet mhux biss ix-xhieda tal-ufficjal taghha imma wkoll ritratti ta' dak li l-ufficjal sab fuq is-sit oltre t-Trail of Events. Filwaqt li r-ritratti jindikaw sit miftuh b'xogholijiet ghaddejjin, it-Trail of Events jirreferi ghal spezzjoni datata 17 ta' Settembru, 2025 (id-data tal-ksur indikata fid-decizjoni) fejn jigi nutat:

> *During the inspection, ongoing works, were observed, specifically the cutting of stone at the rear of the site Dust emissions were noted during these activities.*

Jirrizulta wkoll li l-ghada stess "*Stop works* (was) *issued until dust reducing facilities and measures are assessed by BCA enforcement.*"

A konferma tas-surreferit, l-ufficjal Xerri xehed is-segwenti:

> "*Dahal rapport ta'emissions tat-trab hiereg mis-site b'video ukoll. Jien mort fuq is-sit u sibthom jaqtghu l-gebel fuq in-naha wara tas-sit minghajr ebda mizuri intizi sabiex inaqqsu d-dust emissions.*
> *Stajt niddetermina u nara wkoll trab hiereg mis-sit. Lanqas vacuum ma kien qed jintuza.* (…) *Tkellimt biss mal-kuntrattur li qieghed on site li fehem x'kienet il-problema u infatti ftit wara gab il-vacuum fuq is-sit.*"

Illi permezz tar-rikors tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li, bil-kontra tas-surreferit, "*mhux minnu li kien hemm emissjoni ta' trab. (...) l-esponenti bhala Maniger tas-Sit ra li l-kuntrattur (bennej) jkollu l-ghodda u equipment kollu necessarju tant li l-istess kuntrattur kellu apparat ta' vacuum ghal meta jaqta' l-gebel jew bricks.*"

Madanakollu l-unika prova imressqa quddiem it-Tribunal hija dik konsistenti mix-xhieda tal-ufficjal tal-Awtorita` li kkonferma it-Trail of Events u wkoll ir-ritratti ezebiti mill-Awtorita` a sostenn tad-decizjoni taghha. L-appellanti inghata kull opportunita` biex jixhed u/jew iressaq il-provi tieghu imma naqas milli jattendi u wkoll milli jaghmel dan fis-seduti skedati ghal dan l-appell ossija l-1 t'Ottubru, 2025, 27 t'Ottubru, 2025, 12 ta' Novembru, 2025 u 9 ta' Dicembru, 2025 – dana anke meta nghata l-opportunita`li jixhed permezz ta'affidavit.

Ghat-Tribunal, il-provi imressqin mill-Awtorita` huma sufficjenti sabiex jippruvaw il-kaz taghhom fejn effettivament ix-xhieda tal-ufficjal tikkontadici bl-aktar mod lampanti dak allegat

mill-appellanti permezz tar-rikors tieghu. It-Tribunal isib li mhux biss fid-data tal-infrazzjoni kien hemm trab hiereg mis-sit, kif rapportat lill-Awtorita` u kif determinat mill-ufficjal taghha, imma wkoll li kien biss wara li sehhet l-infrazzjoni li l-kuntrattur fuq is-sit ra li jirrimedja l-posizzjoni tieghu billi jgib l-apparat mehtieg ghall-prevenzjoni effettiva ta' emissjoni ta' trab kif mehtieg mil-ligi.

Tenut kont tal-fatt li l-ebda wahda miz-zewg ragunijiet moghtija mill-appellanti ghar-revoka tal-penali imposta ma jirrizultaw pruvati, it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jichad l-appell u jikkonferma s-sentenza appellata.

Decide

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn indikati, it-Tribunal qed jichad l-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 18 ta' Settembru, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru